# WIRJA 1989

Lista ta' oggetti ezibiti f'din il-wirja li saret fic-centru tal-Frangiskani Konventwali,tal-Belt Valletta, Triq Melita. Il-wirja saret bhala attivita' fl-okkazjoni tal-Gheluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Ghaqda tal-Folklor, u giet inawgurata mill-Onor. Dr.Ugo Mifsud Bonnici,Ministru ta' l-Edukazzjoni. Il-partecipanti fil-wirja kienu, f'ordni alfabetiku, is-sinjuri Angelo Dougall,Alfred Fenech, Joseph Fenech, Guido Lanfranco,Joseph Porsella Flores,Paul Portelli, f'din il-lista referiti bl-abbrevjazzjonijiet ta' AD, AF, JF,GL, JPF u PP rispettivament. Il-wirja giet imsemmija HOLOQ MA' L-IMGHODDI U MEDICINA POPOLARI. Giet irrappurtata tista' tghid, fil-gazzetti kollha, u marru jarawha ghadd kbir ta' nies. It-Tema ta' Medicina Popolari bhala parti ta' din il-wirja, hija l-ewwel wahda f'Malta.

L-ezibiti, kif dehru, jibdew mix-xellug tas-sala kif tidhol, iddur ghall-lemin u tohrog lejn barra, kienu kif imsemmijin hawn,akkumpanjati bl-inizjali ta' min ezibihom:

Sett ta' 84 karikaturi bil-kulur dwar medicina popolari,silta minn 200 li kienu dehru f'serje ta' programmi televizivi fl-1980(GL) Sett ta' 32 mudelli tat-tafal,karikaturi, li juru sitwazzjonijiet fil-medicina popolari lokali, ukoll kienu dehru fl-1980 fuq it-TV. (GL); Mudelli ta' tliet kataletti, mejjilla, zewg karrijiet tal-mejtin, tliet portantini(sedan chairs) li darba kienu ffurmaw parti minn wirja dwar l-istorja tat-trasport f'Malta, fl-1981(GL); Zewg ghamliet ta'hdejjed tal-moghdija,catta u elettriku,antiki, u zewg fanali tar-rih(JF);Hadida tal-faham,hadida ta' l-isteam,; marzebba tal-ballata, baqra ta' l-istuffat,raddiena tac-combini, mudelli ta' karrettuni tal-pitrolju,tal-hobz, omnibus, karrettun tal-kampanja,inhaler(GL);'footwarmer','chamberpot'tal-fuhhar, 7 jarar tal-metall ghaz-zejt u nbid, kejlijiet(pinta,terz,ecc), mizien tal-mejda bl-uzini(wizna,ratal,ecc.,Meghriez, tomna, kejlijiet ohrajn tal-metall, zewg sieghan(injam),5 jarar u kontenituri ohrajn(fuhhar),pressa ghall-'beef tea',makna tal-hjata tal-loghob, bieqja ghall-ghasafar(fuhhar),jarar tal-fuhhar ghall-ilma, flixkun tal-gnibru(fuhhar)(AF); Sett ta' 12 bulettini tal-precett ta' l-Ghid,fosthom ghas-servizzi, hall-isptar, ghall-habs, ecc., sett ta' 4 stampi ta' kostumi-bejjiegha Maltin(JPF); sett ta' 16 tpingijiet taz-zejt dwar aspetti folkloristici lokali li diversi drabi dehru f'wirjiet ohra u fi zmien ukoll kienu fil-muzew tal-folklor,ecc.,(GL); oggetti ckejknin,fosthom bokkin tal-qasab, kontenitur ghall-liri u nofs liriet tad-deheb, talja tal-bdiewa tal-pitkalija, skufja tal-bizzilla,operculum ta'behhuxu li kien jintuza ghac-curkett tal-qarnita(GL); Kuciniera ta' zewg micec satal tal-bir, mithna tal-kafe' ta' l-idejn,inkaljatur tal-kafe',

qanpiena tal-bieb u ohra tal-mejda, tliet habbatiet tal-hadid.(AF) Aktar oggetti ckejknin, bhal ghazziela(Zebbug Ghawdex), ward ta' Pompej,Ostji ta'S.Rita,Xemgha tal-gandlora, bajd homor ta' l-Ghid tal-Griegi,Hobz ta'S.Nikola(ta'Bari u ta'Tolentino),Trab mill-Grotta ta' S.Pawl,Rabat, Zewg sunetti antiki tas-seklu l-iehor, tal-festi.(GL); Fanal tal-Vjatku(AD); 3 tazzi taz-zejt tal-festi, 2 kaxxi lumini, lampi ta' veikoli, ta'l-acitelena u tal-pitrolju, Passatur tal-fuhhar,ciknatur zghir(injam),lenbuba(injam),Mnara bil musbieh,kontenituri tal-fuhhar, borom ecc.ta' Franza, bezzun tal-gelat, tliet lenbijiet,3 pagni ta'Franza, gharbiel tal-¼", qfief tas-sajjieda,qaleb tal-frawli(qoffa), qaleb tal-gbejniet.(AF); Hdax il-mudell tat-tafal b'karattri lokali, li jinkludu bir, tar-rizzi,mara riekba fuq hmar, bejjiegh tat-tigiegbil-gageg,bejjiegh ta'l-ilma(tnejn),Ghanneja(tnejn),bejjiegh tal-frott, Rozarjant jigbor ghall-imghallqin, sett tal-bexxiexa tat-triq, hallieb tal-moghza(tal-halib).(PP); Sett ta' 19 mudelli ji juru l-kuluri tal-buses(xarabanks) kif kienu qabel l-1973 skond id-destinazzjoni, u 3 buses antiki(mudelli akbar) ta' l-ewwel ghamla ta' buses ta' bejn iz-zewg gwerer,bil-gallarija qara.(GL); Ghonnella sewda(JF) Matul ix-xellug kienhemm ukoll mudelli ta' processjoni tad-Duluri-Via Sagra(Sacro Cuor Skiema), u tal-Vjatku solenni li kien isir fl-istess parrocca(GL).

------ooOoo------